MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1539/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited - 12 Saint Christopher Street, Valletta numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija C5637 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurata taghha Michelina Soler (ID710552M)**

**vs**

**Emanuel Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fid-29 ta' Mejju, 2004 fi Triq Giovanni Papaffi, Birkirkara, Malta, bejn il-vettura Hyundai Getz misjuqa mill-konvenut bin-numru EDW-011 u dik Fiat Panda bin-numru IAM-**

**195 proprjeta ta' Michelina Soler assikurata mas-socjeta` attrici.**
**Dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut peress illi baqa' diehel f'karozza pparkjata.**
**Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz lill-kumpanija assikurartrici tal-konvenut, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici li biha cediet is-sorte pero` zammet ferm il-kap tal-ispejejz.**

**Semgha x-xhieda ta' John Lentini. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.**

**Ikkunsidra:**
**1. Jirrizulta li kien hemm ammissjoni tat-tort qabel ma infethet din il-kawza. Ghalhekk ma kien hemm ebda skop li issir din il-kawza gjaladarba kien ser isir il-pagament. Ghalkemm gie nnutat li l-hlas effettivament sar wara li nfethet il-kawza, xi sitt xhur wara.**
**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jordna li l-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------